MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 72/2020 LM

**Malcolm Monreal (K.I. 222683M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tas-26 ta' Ottubru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal laqa' l-appell tar-rikorrent **Malcolm Monreal (K.I. 222683M)** [minn issa 'l-appellat'], u irrevoka u annulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kkomunikata lilu permezz

ta' ittra li ġġib id-data tal-31 ta' Lulju, 2020 [minn issa 'id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata'], u dan wara li laqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, ċaħad it-tielet u r-raba' talba tiegħu minħabba li dawn ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu, u laqa' parzjalment l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, filwaqt li ċaħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat mir-rikorrent quddiem it-Tribunal, huwa spjega li kien xtara vettura mill-Ingilterra tal-għamla Fiat Pininfarina Spider, u li kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex din il-vettura tiġi rreġistrata bħala waħda *vintage ai termini* tal-artikolu 25 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent spjega li flimkien mal-applikazzjoni, huwa kien issottometta dokumenti in sostenn tal-applikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari r-ritratti tal-vettura li kienu mitluba mal-istess applikazzjoni, kif ukoll l-irċevuta tal-ħlas tal-vettura. Żied jgħid li permezz ta' ittra mibgħuta mill-Awtorità intimata fl-4 ta' Marzu, 2019 huwa ġie infurmat bid-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li l-applikazzjoni tiegħu sabiex il-vettura tiġi kklassifikata bħala waħda *vintage* ġiet milqugħa. Fl-istess ittra mibgħuta lilu mill-Awtorità intimata, ir-rikorrent intalab iħallas is-somma ta' €4,875 bħala taxxa ta' reġistrazzjoni fuq din il-vettura. Ir-rikorrent spjega li huwa ħass ruħhu aggravat b'din id-deċiżjoni, u għalhekk interpona appell minnha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent spjega li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva laqa' l-appell tiegħu b'deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 2020, u kkonferma li kien qiegħed jiċħad ir-risposta tal-Awtorità intimata. L-Awtorità intimata baqgħet m'appellatx minn din id-deċiżjoni, u għalhekk hija kienet mistennija li tagħmel spezzjoni mill-ġdid, u wara tirreġistra l-vettura in kwistjoni skont il-liġi. Ir-rikorrent qal li t-tieni spezzjoni saret, u din id-darba minflok saret minn persuna waħda, saret minn erba' persuni, u minflok saret f'garaxx mudlam, din id-darba l-ispezzjoni saret quddiem il-bini ta' Transport Malta, f'Raħal Ġdid. Qal li ħadd mill-persuni li għamlu l-ispezzjoni ma ċċekkja l-magna jew il-qiegħ tal-vettura. Qal ukoll li b'sorpriża għalih, b'ittra tal-31 ta' Lulju, 2020, l-Awtorità intimata infurmatu li kienet iddeċidiet li tbaxxi l-valur tal-vettura b'elfejn Euro, sabiex issa skont il-Kumitat tal-Vetturi Antiki, il-valur tal-vettura huwa ta' €13,000 mingħajr ebda spjegazzjoni dwar kif intlaħqet din iċ-ċifra, partikolarment tenut kont tal-fatt li din il-valutazzjoni saret wara li kien hemm kawża li ġiet deċiża. Ir-rikorrent żied jgħid li sussegwentement kien hemm komunikazzjoni ma' ċertu Brian Farrugia, mir-*Regulatory Unit* fi ħdan Transport Malta, iżda din il-korrispondenza ma wasslet imkien. Ir-rikorrent isostni li dan seħħ għax l-Awtorità intimata għandha idea żbaljata dwar x'tgħid il-liġi. Żied jgħid li t-Tribunal fl-ewwel deċiżjoni tiegħu ikkonkluda li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata għandha tiġi annullata f'dik il-parti fejn ġiet imposta taxxa ta' €4,875, sabiex il-Kumitat ikun jista' jikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu abbażi tad-direzzjoni mogħtija mit-Tribunal. Ir-rikorrent kompla jgħid li filwaqt li l-Awtorità intimata

tgħid li ħadet konjizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal, il-fatti juru mod ieħor.

4. Ir-rikorrent spjega li l-artikoli rilevanti tal-liġi huma s-subartikoli 25(7) u 25(8) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, li testwalment jgħidu hekk:

> "25(7) Meta vettura bil-mutur tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta tiġi klassifikata bħala vettura *vintage*, il-Kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura.
>
> 25(8) Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun ibbażat fuq:
>
> (a) Il-valur tal-fattura, jew
> (b) Il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli."

5. Ir-rikorrent kompla jgħid li ladarba t-Tribunal iddeċieda li l-valur tal-vettura in kwistjoni ma jistax jitqies li huwa wieħed baxx b'mod li mhux raġonevoli, u dan wara li t-Tribunal ħa konsiderazzjoni tal-istorja kollha tal-vettura in kwisjtoni, għandu jsegwi li l-Awtorità intimata bilfors kellha timxi mal-valur tal-fattura.

6. Ir-rikorrent qal li huwa evidenti li l-Kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* reġa' kkalkula t-taxxa tar-reġistrazzjoni skont il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur li mhumiex identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, u li ma jieħdux in konsiderazzjoni l-istorja kollha tal-vettura in

kwistjoni, għaliex lanqas biss saret spezzjoni tal-magna u tal-qiegħ tal-karozza, u dawn id-dettalji kienu kruċjali għaliex il-vettura in kwistjoni kienet għerqet u għalhekk ma ssuqx. Ir-rikorrent qal li l-kundizzjoni ta’ vettura trid tiġi meqjusa għall-fini tal-valur tagħha, u kriterji validi biex jiġi stabbilit il-valur jinkludu l-mudell, l-annu, il-produttur, in-numru fil-linja tal-produzzjoni, l-ammont ta’ vetturi oħra manifatturati, kif ukoll il-kundizzjoni tal-vettura. Ir-rikorrent qal li għalhekk huwa baqa’ perpless kif l-Awtorità intimata qabbdet erba’ esperti, u ħadd minnhom ma deherlu li kellu jiċċekkja jekk il-vettura ssuqx jew jekk għandhiex xi ħsarat mekkaniċi. Kompla jgħid li għalhekk huwa ħass ruħhu aggravat b’din id-deċiżjoni aktar minn qabel, u għalhekk kien qiegħed jappella quddiem it-Tribunal mid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, sabiex (i) dan jiddikjara li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li l-ammont ta’ taxxa ta’ reġistrazzjoni fuq il-vettura għandu jkun ta’ €4,875, hija esaġerata, infondata u inġusta; (ii) jiddikjara li ladarba ġie stabbilit li l-valur tal-fattura tal-vettura mhuwiex wieħed baxx b’mod mhux raġonevoli, l-Awtorità m’għandhiex tapplika d-diskrezzjoni tagħha u tagħti valur tas-suq medju; (iii) tordna lill-Awtorità intimata tiddikjara li l-ammont ta’ taxxa ta’ reġistrazzjoni li għandu jitħallas fuq il-vettura, għandu jkun ibbażat fuq il-valur tal-fattura; u (iv) konsegwentement jikkundanna lill-Awtorità intimata tirreġistra l-vettura u toħroġ iċ-ċertifikati u dokumentazzjoni relattivi fir-rigward tal-vettura *vintage* abbażi tat-taxxa ta’ reġistrazzjoni skont il-valur tal-fattura.

7. Għall-imsemmi rikors tal-appell tar-rikorrent quddiem it-Tribunal, l-Awtorità intimata wieġbet li t-talbiet magħmula mir-rikorrent huma legalment insostenibbli għaliex jeżorbitaw minn dak li jista’ jiġi mitlub permezz ta’ rikors

ta’ appell, jiġifieri r-revoka parzjali jew totali tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, għaliex bl-appell tiegħu r-rikorrent qiegħed jipprova jitlob lit-Tribunal imur ben oltre r-revoka tad-deċiżjoni appellata. L-Awtorità intimata qalet li t-Tribunal huwa vestit bil-kompetenza li jisma’ u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità intimata, *ai termini* tal-artikolu 40 tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta’ Malta, u għalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija limitata għal appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata, u mhux biex jiddeċiedi dwar it-tip ta’ talbiet li saru fir-rikors promutur. Żiedet tgħid li r-rikors promutur ma fih l-ebda talba sabiex it-Tribunal jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, u għalhekk ir-rikors huwa null u bla ebda effett, għaliex it-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jisma’ l-każ kif promoss u biex jaqta’ u jiddeċiedi t-talbiet kif dedotti. L-Awtorità intimata eċċepiet ukoll li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li l-valur tar-reġistrazzjoni tal-vettura stabbilit mill-Kumitat huwa wieħed ġust u korrett. Qalet ukoll li biex il-Kumitat stabbilixxa valur, f’somma inqas minn dik oriġinarjament stabbilita, wara li ħa konjizzjoni ta’ dak li ngħad mit-Tribunal fis-sentenza tiegħu tal-20 ta’ Ġunju, 2020, u ġiet esegwita spezzjoni dettaljata tal-vettura fid-dawl tax-xemx mill-membri kollha tal-Kumitat, ħa konjizzjoni tad-difetti u nuqqasijiet li fiha l-imsemmija vettura, liema difetti ġew anki fotografati, u dan kif ikkomunikat mill-Awtorità intimata permezz tal-ittra responsiva tal-31 t’Awwissu, 2020. L-Awtorità intimata qalet li mingħajr preġudizzju għal dan, għandu jiġi sottolineat li għalkemm ir-rikorrent qiegħed, permezz ta’ waħda mit-talbiet tiegħu, jitlob lil dan it-Tribunal jiddikjara li ġialadarba huwa stabbilit li l-valur tal-fattura tal-vettura in kwistjoni mhuwiex wieħed baxx b’mod mhux raġonevoli, l-Awtorità intimata ma tistax tapplika d-diskrezzjoni tagħha u tagħti l-valur tas-suq medju,

iżda fl-istess waqt ir-rikorrent permezz ta' ittra li ntbagħtet tramite l-konsulent legali tiegħu fit-13 t'Awwissu, 2020, ippropona li jħallas taxxa ta' €3,250 fuq il-bażi tal-valur tal-vettura ta' €10,000 minflok €13,000, kif determinat mill-Kumitat, u għal din ir-raġuni wkoll it-talba hija legalment insostenibbli u tmur kontra l-prinċipju *electa una via non datum recursus ad alteram.* L-Awtorità intimata temmet tgħid li t-tielet u r-raba' talba wkoll jeżorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal, għaliex imorru ben oltre r-revoka *o meno* tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata.

**Is-Sentenza Appellata**

8. Permezz tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2021, fl-ismijiet premessi, it-Tribunal laqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, ċaħad it-tielet u r-raba' talbiet tiegħu għaliex dawn ma jaqgħux fil-kompetenza tat-Tribunal, u kwindi laqa' parzjalment l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, filwaqt li ċaħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha, u irrevoka u annulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tal-31 ta' Lulju, 2020, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 31 ta' Lulju, 2020 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage (aktar 'l isfel "Il-Kumitat") kien stima l-vettura in kwistjoni fl-ammont ta' tlettax-il elf euro (€13,000) u dana wara li preċedentement kien ivvaluta l-istess vettura fl-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000). Kif jirriżulta mill-atti din l-aħħar ċifra kienet kontestata b'suċċess mir-rikorrent wara li dan it-Tribunal fit-22 ta' Ġunju, 2020 irrevoka l-istess stima wara li*

*ħa in konsiderazzjoni numru ta' fatturi li l-Kumitat ma kienx ħa in konsiderazzjoni. Fis-sentenza tal-2020 dan it-Tribunal kien qal testwalment is-segwenti:*

*"*Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-valur imħallas mir-rikorrent għall-vettura in kwistjoni ma jistax jitqies bħala valur baxx b'mod mhux raġonevoli, u dan wara li t-Tribunal ħa in konsiderazzjoni l-istorja kollha tal-vettura in kwistjoni. Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata f'dik il-parti fejn imponiet taxxa ta' reġistrazzjoni fl-ammont ta' erbat elef, tmien mija u ħamsa u sebgħin euro (€4,875) sabiex il-Kumitat jerġa' jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq."

*Illi għalhekk id-direzzjoni tat-Tribunal kienet pjuttost ċara, u ċioe li skont dan it-Tribunal il-prezz tal-fattura, u ċioe l-prezz imħallas mir-rikorrent, ma setax jitqies bħala valur baxx b'mod mhux raġonevoli. Stabbilit dan, allura l-Kumitat ried juri lil dan it-Tribunal li fit-tieni spezzjoni tiegħu sab fatti u ċirkostanzi li kienu juru li l-valur muri fuq il-fatturi kien wieħed "*baxx b'mod mhux raġjonevoli."

***Ikkunsidra:***

*Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha l-Awtorità intimata tisħaq illi t-talbiet magħmula fir-rikors promutur jeżorbitaw il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi l-Awtorità intimata għandha raġun parzjalment. Il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija biex jirrevedi deċiżjonijiet amministrattivi fis-sens li jew jikkonfermahom, jew jannullahom jew ivarjahom. Però ċertament m'għandux kompetenza li jagħmel dak mitlub fit-tielet u r-raba' talba. Madankollu f'każ li dan it-Tribunal jasal biex jannulla d-deċiżjoni appellata, l-ewwel u t-tieni talba jista' jkunu l-bażi tal-annullament. Filwaqt li huwa minnu li r-rikorrent ma talabx għar-revoka tad-deċiżjoni appellata, l-istess talba hija waħda impliċita. Del resto huwa ressaq it-talbiet tiegħu* "prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa u opportuni". *Kwindi anke jekk ir-rikorrent ma talabx espressament li d-deċiżjoni appellata tiġi revokata, dan it-Tribunal jista' jagħmel kwalsiasi dikjarazzjoni li jħoss li hi xierqa u opportuna fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi parzjalment milqugħa.*

*Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni l-Awtorità intimata saħqet illi l-valur stabbilit mill-Kumitat kien wieħed ġust u korrett u magħmul abbażi tad-direzzjoni ta' dan it-Tribunal fis-sentenza tat-22 ta' Ġunju, 2020 u dan peress li l-ispezzjoni saret fid-dawl tax-xemx mill-Membri kollha tal-Kumitat li ħadu konjizzjoni tad-difetti u nuqqasijiet tal-vettura in kwistjoni.*

***Josef Abela****, membru tal-Kumitat, spjega illi l-Kumitat wasal għaċ-ċifra ta' €13,000 peress li l-vettura kellha xi affarijiet li riedu jitranġaw. Mistoqsi jekk il-vettura ġietx*

*startjata x-xhud wieġeb li le però spjega li kien hemm* posts *fuq Facebook bil-magna taħdem. Spjega li jekk magna ma taħdimx dan ikollu impatt minimu fuq il-valur għaliex il-magna l-inqas li tiswa flus biex tiġi rranġata.*

***Dennis Galea**, membru ieħor tal-Kumitat, spjega illi l-vettura ttieħdet għall-ispezzjoni fuq karru u huma ma startjawhiex peress li ma kellhiex liċenzja biex tinsaq fit-triq. Mistoqsi jekk kienx hemm drabi fejn aċċettaw il-valur tal-fattura, ix-xhud wieġeb li huma dejjem jiċċekkjaw dwar il-valur minn fuq l-internet minn fejn isibu tliet valutazzjonijiet. Jispjega li huma dejjem jimxu skont il-kundizzjoni tal-vettura, u ċioe jekk tkun sewwa ħafna jimxu mal-ogħla prezz u jekk tkun imkabra mal-irħas prezz.*

***Albert Pisani**, membru tal-Kumitat, spjega illi l-ispezzjoni tal-vettura in kwistjoni saret billi fl-ewwel lok il-membri tal-Kumitat daru magħha meta kienet fuq it-trakk, imbagħad tniżżlet u reġgħu daru magħha. Wara li saret l-ispezzjoni l-Kumitat iddiskuta l-valur. Jispjega li meta huwa għamel l-ewwel valutazzjoni huwa kien ibbaża l-valur fuq valuri ta' barra minn Malta. Però jgħid li skoprew li Malta kienet iddaħħlet vettura oħra minn* dealer, *simili però inqas prestiġjuża għaliex ma kinitx manifatturata minn Pininfarina iżda mill-FIAT, li kien qiegħed jitlob €28,000 għaliha. Jispjega li fl-ewwel evalwazzjoni tiegħu huwa kien telaq mill-valur ta' tletin elf euro (€30,000) u naqqas il-valur bi €15,000 rappreżentanti xogħol ta' spray, interior ġdid u xogħol fuq il-magna. Għalhekk il-Kumitat ħa bħala valur l-ammont ta' €28,000 u reġa' naqqas €15,000. Jispjega wkoll li l-vetturi klassiċi għandhom valur intrinsiku.*

***Ir-rikorrent** xehed illi fil-perkors tal-proċeduri pendenti huwa kien ħa l-vettura għand il-mekkanik u kien ġabilha xi parts u jista' jkun li kien il-mekkanik li tefa' xi post fuq facebook bil-magna taħdem. Però hu ma kellux idea ta' dawn il-posts. Jispjega li peress li l-vettura qiegħda ggaraxxjata xtaq li ma jibqax imwaħħal fi proċeduri legali għaliex il-vettura kienet qiegħda tiddeterjora. Kien għal dan il-għan li kien għamel proposta ta' transazzjoni wara li rċieva d-deċiżjoni appellata.*

***Ikkunsidra:***

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi wara li l-Kumtitat reġa' spezzjona l-vettura wasal għall-valur ta' €13,000 wara li naqqas €15,000 minn dak li skont hu kien il-prezz tas-suq tagħha. Il-prezz tas-suq ittieħed minn vettura li skont il-Kumitat kienet simili però inqas prestiġjuża għax kienet manifatturata mill-FIAT u mhux minn Pininfarina, liema vettura kienet reklamata għall-bejgħ fis-suq lokali mingħand* dealer *tal-vetturi.*

*Illi t-Tribunal fittex fil-proċess għal xi prova dwar dan il-fatt sabiex anke hu jkun jista' jikkonstata s-similitudni tal-vettura msemmija mill-membri tal-Kumitat. Però ma sab l-ebda prova dwar dan. It-Tribunal iqis li din kienet tkun prova importanti sabiex ikun*

*jista' semmai jevalwa jekk il-Kumitat kienx korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Pereżempju t-Tribunal ma għandux indikazzjoni ta' liema sena kienet il-Fiat 124 Spider li l-Kumitat ra reklamata. Kif inhu risaput is-sena tagħmel differenza fil-valutazzjoni ta' vettura klassika. Illi dan it-Tribunal għalhekk jirriskontra nuqqas ta' trasparenza fil-proċess li bih mexa l-Kumitat. La darba l-Kumitat ra dan ir-riklam mingħand* dealer *fis-suq lokali seta' wkoll jipproduċih bħala xhud. Però xejn minn dan kollu ma sar.*

*Min-naħa l-oħra, it-Tribunal għandu quddiemu prova prodotta mir-rikorrent tal-prezz imħallas minnu għall-vettura in kwsitjoni, liema prova ġiet mgħoddija wkoll lill-Kumitat qabel ħa d-deċiżjoni tiegħu.*

*Illi l-liġi tagħti dritt lill-Kumitat li jsegwi eżerċizzju lil hinn mill-valur muri fuq il-fattura meta jqis li l-istess valur huwa wieħed* __**baxx b'mod mhux raġonevoli**__*. Illi dan ifisser illi biex jgħaddi biex jagħmel valutazzjoni oltre minn dak li jidher fuq il-fattura, il-Kumitat irid ikollu suspett illi l-applikant irid iqarraq fid-dikjarazzjoni tiegħu u allura jkun irid jiddikjara valur* "baxx b'mod mhux raġonevoli"*. Illi fil-każ li hekk ikun il-każ, il-Kumitat irid jagħtiha* "valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur **identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali.**"

*Illi minn Dokument BF2 u BF3 a fol. 112* et sequitur *tar-Rikors Numru 29/19 l-Awtorità intimata ppreżentat numru ta'* listings *ta' vetturi identiċi jew simili għall-bejgħ li l-valur tagħhom ivarja bejn £21,301 (ekwivalenti għal madwar €24,883) u £25,724 (ekwivalenti għal madwar €30,050). Fuq dawn il-valuri Brian Farrugia, Segretarju tal-Bord qal hekk, "*Ġew esebiti jekk niftakar sewwa fis-seduta preċedenti ġew esebiti mis-sinjur, mis-Sur Monreal valutazzjoni ta' vetturi u jiena kont ġbidt l-attenzjoni li dawk illi qed jiġu mhumiex tajbin għall-argument illi daka huwa starting price, mhijiex l-offerta vera. Qed nesebixxi f'dan l-istadju żewġ dokumentazzjonijiet oħra fejn juri mill-Ingilterra vetturi simili l-prezz attwali, u dawn mhux kif għadha qed tibda l-auction imma dawka prezzijiet diġà stabbiliti, fejn vetturi simili hemm." *(fn. 1 a fol. 88 tar-Rikors 29/19). Però, it-Tribunal josserva li għalkemm il-vetturi murija huma simili jew addirittura identiċi, teżisti differenza ewlenija, u ċioe, illi l-ebda waħda minnhom m'hemm indikazzjoni li din kienet ikklassifikata bħala* "salvage" *kif hija indikata l-vettura in kwistjoni. (fn 2 ara Dokument GM1 a fol. 42 tar-Rikors 29/19)*

*Kwindi jekk wieħed inaqqas €15,000 mill-valur tas-suq medju tal-valuri indikati mill-istess Kumitat fil-paragrafu preċedenti ċertament jasal għal ċifra ferm inqas minn €13,000. Għaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ċ-ċifra indikata mir-rikorrent mhijiex waħda baxxa b'mod irraġonevoli.*

*Għaldaqstant, filwaqt li dan it-Tribunal japprezza li l-Kumitat mexa fuq il-linji suġġeriti minnu fis-sentenza preċedenti bejn il-partijiet biex b'hekk ikun hemm iktar trasparenza, iqis li għal darb'oħra d-deċiżjoni tal-istess Kumitat hija monka stante li mill-provi prodotti minnu stess ma setax raġonevolment jasal għall-konklużjoni li l-valur imħallas mir-rikorrenti kien wieħed* "baxx b'mod mhux raġonevoli"*. Kwindi t-Tribunal qiegħed jannulla d-deċiżjoni appellata.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti filwaqt li qiegħed jilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, jiċħad it-tielet u r-raba' talba peress li dawn ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu, u kwindi jilqa' parzjalment l-ewwel eċċezzjoni filwaqt li jiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata. Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni appellata.*

*Bl-ispejjeż kwantu għal terz għar-rikorrent u żewġ terzi għall-Awtorità intimata."*

## L-Appell

9. L-Awtorità intimata ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata fl-10 ta' Novembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-tielet u r-raba' talba tal-appellat, u in kwantu laqgħet parzjalment l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, filwaqt li tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent u in kwantu ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, u in kwantu irrevokat u annullat d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità intimata.

10. L-Awtorità intimata spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bis-sentenza tat-Tribunal għaliex dan għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi. Qalet li r-rikorrent xtara vettura mill-Ingilterra tal-għamla Fiat Pininfarina Spider, liema vettura hija suġġetta għall-ħlas ta' taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni. Spjegat li l-valur tat-taxxa

tar-reġistrazzjoni jiġi kkalkulat mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage,* abbażi tal-fattura, jew meta l-valur tal-fattura jitqies mill-Kumitat li huwa baxx b'mod mhux raġonevoli, skont il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili, fis-suq internazzjonali. Qalet li l-Kumitat deherlu li l-valur tal-fattura kien baxx b'mod mhux raġonevoli, u attribwixxa valur ta' €15,000 għall-imsemmija vettura, u impona taxxa ta' reġistrazzjoni abbażi ta' dan il-valur. L-Awtorità intimata qalet li r-rikorrent kien appella minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, li kien ta sentenza favur tiegħu. L-Awtorità intimata qalet li fir-rikors tal-appell tiegħu r-rikorrent kien ilmenta għaliex l-ispezzjoni tal-vettura saret minn membru wieħed tal-Kumitat, u f'garaxx li ftit li xejn kien imdawwal. Qalet li l-Kumitat reġa' spezzjona din il-vettura quddiem il-bini tal-Awtorità, fid-dawl tax-xemx, u din l-ispezzjoni saret mill-membri kollha tal-Kumitat, li ddeċidew li jnaqqsu l-valur tal-vettura għal €13,000. L-Awtorità intimata qalet li r-rikorrent appella wkoll minn din is-sentenza, u t-Tribunal, fis-26 ta' Ottubru, 2021, ta s-sentenza li qiegħed isir l-appell odjern minnha.

11. L-Awtorità intimata qalet li t-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina tal-kliem tal-liġi, senjatament l-artikoli 25(7) u 25(8) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur. L-Awtorità intimata għamlet riferiment għal dik il-parti tas-sentenza li tgħid li l-liġi tagħti dritt lill-Kumitat li juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jistabbilixxi valur li huwa differenti minn dak muri fuq il-fattura, meta dan iqis li l-valur dikjarat huwa baxx b'mod irraġonevoli, u jrid ikun hemm suspett li l-applikant ried iqarraq fid-dikjarazzjoni tiegħu. L-Awtorità intimata qalet li din il-konklużjoni hija waħda żbaljata, għaliex il-konsiderazzjoni dwar jekk l-applikant ikunx ipprova jqarraq jew le, hija għal kollox irrilevanti. Qalet li

tali konsiderazzjoni lanqas biss tirraffigura fl-evalwazzjoni li ssir mill-Kumitat, u l-evalwazzjoni li trid issir hija waħda assolutament oġġettiva. Spjegat li jista' jagħti l-każ li l-applikant ikun sab *bargain* li jkun vantaġġuż għalih, jew li l-vettura tkun inxtrat bi prezz tajjeb mingħand ħabib jew membru tal-familja. Qalet li min jagħmel hekk ma jkunx qiegħed jipprova jqarraq, u ovvjament meta jippreżenta l-fattura ta' kemm ikun xtara l-vettura, il-prezz se jkun jidher li huwa wieħed irħis, minkejja li jkun reali. L-Awtorità intimata qalet iżda li fejn il-prezz ikun baxx b'mod li mhux raġonevoli, kif ġara fil-każ odjern, anki jekk ma jkun hemm l-ebda suspett ta' qerq, ladarba l-prezz ikun wieħed baxx b'mod li mhux raġonevoli, it-taxxa ta' reġistrazzjoni għandha titħallas abbażi tal-prezz medju fis-suq għal dik il-vettura, u mhux bil-prezz baxx li bih l-applikant ikun irnexxielu jixtri l-vettura in kwistjoni.

12. L-Awtorità intimata żiedet tgħid li dan huwa prattikament l-istess prinċipju li japplika fir-rigward tal-ħlas tat-taxxa fuq il-proprjetà, fejn jintbagħat perit sabiex jiddetermina l-prezz tal-proprjetà indipendentement mill-valur iddikjarat u attwalment imħallas mix-xerrej.

13. L-Awtorità intimata qalet li hija ħassitha aggravata għaliex it-Tribunal ikkonsidra wkoll li l-Kumitat irid jagħti l-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, u minkejja li ġew esebiti listi ta' prezzijiet ta' vetturi simili għal dik mixtrija mill-appellat, it-Tribunal ikkonsidra wkoll li l-ebda waħda minn dawn il-vetturi m'hija *salvage* kif inhi l-vettura in kwistjoni. L-Awtorità intimata qalet li anki hawn it-Tribunal kien żbaljat fl-applikazzjoni tiegħu tal-liġi, għaliex il-liġi trid li l-vetturi li magħhom isir

il-paragun ikunu tal-anqas simili. Qalet li l-vetturi li għamel paragun magħhom il-Kumitat huma simili f'kull aspett, għajr li mhumiex *salvage.* Qalet li l-*average* taż-żewġ prezzijiet indikati huwa ta' €27,466, iżda l-Kumitat ta d-debita konsiderazzjoni lill-fatt li l-vettura tal-appellat kienet *salvage,* u għalhekk irriduċa il-prezz medju b'aktar minn 50%, għal €13,000. L-Awtorità intimata qalet li ma jistax jingħad li t-Tribunal ma mexiex b'mod korrett fil-każ odjern.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. Ir-rikorrent, hawnhekk l-appellat, fir-risposta tiegħu wieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Spjega li huwa xtara l-vettura tal-għamla Fiat Pininfarina Spider mill-Ingilterra, u huwa ħallas il-prezz ta' £6,500 għax-xiri ta' din il-vettura, b'dan li t-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura kellha tkun bil-wisq inqas minn dik mitluba mill-Awtorità intimata. Qal li l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* m'aċċettax il-prezz tal-fattura, u kkalkula t-taxxa tar-reġistrazzjoni skont dak li deherlu li kellu jkun il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali. Qal li konsegwentement dan ifisser li l-Kumitat deherlu li l-valur tal-fattura huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli. Kompla jgħid li huwa ħallas għall-vettura permezz ta' *bank transfer,* u għalhekk il-ħlas li sar jista' jiġi intraċċat. Qal ukoll li huwa kien inkariga lil ċertu Spiridione Borg biex jagħmel spezzjoni tal-vettura, u jimpurtaha ġewwa Malta, sabiex b'hekk hemm prova ċara li l-prezz tal-irċevuta huwa ġust u ġenwin. Qal ukoll li l-vettura oriġinat mill-Istati Uniti tal-Amerika bħala *scrap,* u huwa xtara l-vettura mill-Ingilterra bħala *scrap.* Qal ukoll li fl-ittra mibgħuta minnu lill-Awtorità intimata, ġie spjegat li din

il-vettura għandha tinżamm iggaraxxjata għaliex mhijiex fi stat tajjeb biex tinstaq. Qal li għalhekk il-Kumitat, sabiex jagħmel kalkolu tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, kellu jibbaża l-valur tal-vettura fuq il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, jiġifieri ta' vetturi li huma fl-istat tal-vettura mixtrija mir-rikorrent, u mhux il-valur tas-suq medju ta' vetturi li huma f'kundizzjoni tajba. Qal ukoll li minkejja li l-Awtorità intimata tgħid li l-Kumitat mexa fuq il-linji suġġeriti mit-Tribunal fis-sentenza preċedenti bejn il-partijiet, fir-realtà l-Kumitat m'għamel xejn minn dan, u t-tnaqqis fit-taxxa wara t-tieni valutazzjoni sar għaliex il-Kumitat beda minn *starting point* ta' prezz aktar baxx, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Albert Pisani.

15. Ir-rikorrent qal li l-artikoli tal-liġi applikabbli huma ċari daqs il-kristall, u li dawn m'għandhom bżonn tal-ebda interpretazzjoni. Qal li lanqas il-paragun li sar mal-mod kif tiġi kkomputata t-taxxa fuq il-proprjetà m'għandu x'jaqsam. L-appellat żied jgħid li l-kelma 'jew' bejn l-artikolu 25(8)(a) u 25(8)(b) tagħmilha ċara li l-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura għandu jkun ibbażat fl-ewwel lok fuq il-fattura, jew fit-tieni lok fuq il-valur tas-suq medju ta' vettri bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, imma biss fejn il-valur tal-fattura jitqies mill-Kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli. Ir-rikorrent qal li dan ifisser li l-Kumitat ma jistax jagħżel minn jeddu liema metodu japplika, u li kieku l-leġislatur ried li jsir dan, dan kien jgħidu bi kliem ċar. Qal li dan jgħodd aktar u aktar meta għal darbtejn it-Tribunal iddeċieda li l-valur tal-fattura ma kienx baxx b'mod mhux raġonevoli. Ir-rikorrent qal li għalhekk la fil-mertu u lanqas fil-liġi, m'hemmx raġuni valida għalfejn huwa jħallas l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni mitlub mill-Awtorità intimata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-Awtorità appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Bħala sfond irid jingħad li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri, kienet suġġetta għal żewġ spezzjonijiet separati mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*, u wara l-ewwel spezzjoni li kienet saret minn membru wieħed ta' dan il-Kumitat, ir-rikorrent kien ġie infurmat li kellu jħallas taxxa fl-ammont ta' €4,875 għar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura. Ir-rikorrent kien appella minn din id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li min-naħa tiegħu kien iddeċieda li l-Kumitat m'għandux juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex ikun hu li jistabbilixxi l-valur ta' vetturi bħal dawn, għajr fejn il-valur ta' vettura jkun wieħed baxx b'mod irraġonevoli. In vista ta' din is-sentenza, li minnha ma sarx appell mill-Awtorità intimata, il-Kumitat għamel it-tieni spezzjoni ta' din il-vettura, permezz tal-erba' membri tiegħu, u din id-darba l-ispezzjoni saret fid-dawl tax-xemx, quddiem l-uffiċċji tal-Awtorità intimata. Kien wara din it-tieni spezzjoni, li r-rikorrent ġie mgħarraf li l-valur tal-vettura kien qiegħed jiġi stabbilit li huwa ta' €13,000, u li għalhekk għandha titħallas taxxa fuq dan l-ammont. Ir-rikorrent għal darb'oħra reġa' ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u għal darb'oħra intavola appell minnha quddiem it-Tribunal, fejn talab li (i) jiġi dikjarat li t-taxxa imposta hija waħda esaġerata, infondata u inġusta; (ii) ladarba ġie stabbilit li l-valur tal-fattura mhux baxx b'mod mhux raġonevoli, l-Awtorità m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tiffissa l-prezz hi; (iii) jordna lill-Awtorità tiddikjara li l-ammont ta' taxxa tar-reġistrazzjoni għandu jkun ibbażat

fuq il-valur tal-vettura; (iv) u jikkundanna lill-Awtorità tirreġistra l-vettura u toħroġ iċ-ċertifikat u d-dokumentazzjoni relattiva rigward il-vettura *vintage* abbażi tal-valur tal-fattura. It-Tribunal, filwaqt li laqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent, spjega li huwa m'għandux il-kompetenza jiddeċiedi dwar it-tielet u r-raba' talbiet tiegħu, għaliex tali talbiet jeżorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal bħala tribunal amministrattiv. Din id-deċiżjoni iżda fissret li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata u t-taxxa stabbilita minnha ġew revokati. Huwa għalhekk li l-Awtorità intimata ressqet dan l-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal.

*L-ewwel aggravju:* *[applikazzjoni ħażina tal-liġi]*

17. L-Awtorità appellanta tikkontendi li t-Tribunal applika ħażin il-liġi meta kkonsidra dak li jgħidu l-artikolu 25(7) u (8)(a) u (b) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur. L-Awtorità appellanta qalet li l-vettura in kwistjoni hija suġġetta għall-ħlas tat-taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni, u li l-valur irid jiġi kkalkulat mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* jew abbażi tal-fattura ppreżentata, jew abbażi tal-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur simili, identiċi jew ekwivalenti fis-suq internazzjonali. Qalet li saret il-valutazzjoni mill-membri tal-Kumitat għaliex dawn kienu tal-fehma li l-valur tal-fattura kien wieħed baxx b'mod irraġonevoli, u għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta qies li d-diskrezzjoni tal-Kumitat tista' tintuża biss meta jkun hemm suspett li l-applikant ried iqarraq. Qalet li dan huwa għal kollox żbaljat, għaliex jista' jkun li l-prezz iddikjarat ikun baxx b'mod irraġonevoli anki fejn mhemmx qerq jew fejn l-applikant ma kellu ebda intenzjoni li jqarraq.

18. Il-Qorti kkonsidrat li t-Tribunal darbtejn iddikjara li l-prezz iddikjarat fuq il-fattura ma kienx baxx b'mod irraġonevoli. Dan għaliex it-Tribunal qies li l-vettura, minkejja li hija *vintage,* kienet inxtrat mill-appellat bħala *scrap,* tant hu hekk li dan kien informa lill-Awtorità appellanta li l-vettura kellha tinżamm iggaraxxjata, u ma tistax tinstaq fit-triq stante li din kienet għerqet u għalhekk sofriet diversi ħsarat. Fil-fatt l-appellat qal li huwa kien sorpriż bl-attitudni tal-membri tal-Kumitat li għamlu t-tieni spezzjoni fuq il-vettura, li naqsu milli jikkonfermaw jekk din il-vettura tistax tistartja sabiex tinstaq, u lanqas ma kkonfermaw f'liema stat huwa l-qiegħ tagħha. Għall-Qorti, il-fatt li l-membri tal-Kumitat iddeċidew li jużaw id-diskrezzjoni tagħhom sabiex jistabbilixxu huma l-valur ta' din il-vettura, ifisser li dawn ma ħadu l-ebda konsiderazzjoni tal-fatt li t-Tribunal fl-ewwel deċiżjoni tiegħu qal li l-valur ta' din il-vettura mhux wieħed baxx b'mod irraġonevoli. Din l-affermazzjoni kellha tfisser li l-Kumitat kellu joqgħod fuq il-prezz iddikjarat fil-fattura ppreżentata mill-appellat, u fuq l-ebda stima oħra. Minflok il-Kumitat imbarka fuq eżerċizzju ta' spezzjoni mill-ġdid tal-vettura, u finalment għamel paragun tal-prezz mal-prezz ta' numru ta' vetturi simili oħra għalkemm mhux identiċi, sabiex wasal għall-valur ta' din il-vettura partikolari. Dan iżda ma kellux ikun, għaliex ladarba t-Tribunal kien diġà kkonferma li l-prezz ma kienx wieħed baxx b'mod irraġonevoli, kull ma kellu jagħmel il-Kumitat kien li jikkomputa t-taxxa abbażi tal-prezz indikat fuq il-fattura. Il-Qorti tqis li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi da parti tat-Tribunal, iżda biss interpretazzjoni ċara tad-disposizzjonijiet tal-liġi applikabbli. Huwa minnu li jista' jagħti l-każ li l-Kumitat ikollu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jistabbilixxi l-valur ta' vettura minkejja li ma jkun hemm l-ebda qerq da parti tal-applikant, iżda fil-każ odjern, komponent importanti li jirriżulta

li kellu impatt fuq il-prezz li bih inxtrat il-vettura, kien il-fatt li din inxtrat bħala *scrap* għaliex ġiet *salvaged*, u għalhekk din mhijiex f'qagħda li ser tkun tista' tinstaq. Din il-konsiderazzjoni ġiet injorata kompletament mill-membri tal-Kumitat li ffissaw il-valur tal-vettura għat-tieni darba, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tilqa' l-aggravju li t-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi fir-rigward. Ladarba t-Tribunal kien diġà ddeċieda li l-valur ma kienx wieħed baxx b'mod irraġonevoli, il-Kumitat ma kellux juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jiffissa valur li mhux dak indikat fuq il-fattura, irrispettivament minn jekk l-applikant ippruvax iqarraq jew le. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[applikazzjoni ħażina tal-liġi dwar il-mod kif il-prezz ġie mqabbel ma' dawk ta' vetturi oħra]*

19. L-Awtorità appellanta qalet li f'każijiet bħal dawn, il-liġi trid li l-paragun isir ma' vetturi simili, jew identiċi għal dik li tkun qegħda tiġi vvalutata. Qalet li l-vetturi li sar paragun magħhom mill-Kumitat huma simili f'kull aspett, għajr li mhumiex *salvage,* u meta l-Kumitat ikkonsidra li l-vettura in kwistjoni hija *salvage,* dan naqqas il-valur tagħha b'€15,000 meta mqabbel mal-valur tal-vetturi l-oħra li sar paragun magħhom.

20. Il-Qorti għal darb'oħra tirrileva li l-Kumitat ma kellux juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jistabbilixxi l-valur tal-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri, għaliex dan ma kienx każ fejn il-valur fuq il-fattura kien baxx b'mod irraġonevoli. Iżda l-Qorti xorta waħda sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju partikolari, ladarba l-Awtorità appellanta għażlet li tibni l-appell tagħha

fuq il-premessa li l-Kumitat kien korrett li jagħmel valutazzjoni tal-vettura mill-ġdid. Il-Qorti tqis illi l-Kumitat irid jikkonsidra diversi elementi sabiex jasal biex jivvaluta vetturi bħal dawn, fosthom mhux biss il-prezz ta' vetturi simili jew identiċi għall-vettura li tkun ser tiġi rreġistrata, imma anki l-kundizzjoni li tali vetturi jkunu fihom. Minkejja li wieħed mix-xhieda, waqt id-deposizzjoni tiegħu qal li l-valur ta' vetturi klassiċi huwa wieħed 'intrinsiku', fil-każ odjern ma jirriżultax f'liema kundizzjoni kienu l-vetturi l-oħra li ġew ikkonsidrati mill-membri tal-Kumitat għall-finijiet ta' valutazzjoni. Il-Qorti osservat ukoll li minkejja li l-Kumitat iddeċieda li għandu jkun hemm tnaqqis ta' €15,000 mill-valur ta' din il-vettura, meta mqabbel ma' vettura simili, minħabba fil-kundizzjoni li din il-vettura tinsab fiha, il-Kumitat ma spjegax fid-dettall għal liema raġuni ġie deċiż li għandu jitnaqqas l-ammont ta' €15,000 mill-prezz, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk dan it-tnaqqis huwiex wieħed 'raġonevoli' fiċ-ċirkostanzi jew le. Fi kwalunkwe każ, ladarba l-Qorti qegħda tiddeċiedi li l-Kumitat ma kellux juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jiffissa l-valur ta' din il-vettura, dan it-tieni aggravju wkoll mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-Awtorità appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**